# REĠJUN ĊENTRU

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali 8

IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8

L-Erbgħa 25 ta' April 2018

Ir-Reġjun Ċentru ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, 'Mabruka', Triq ix-Xnien, San Ġwann, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Stefan Cordina – Viċi President
Is-Sinjura Magda Magri Naudi – Sindku Ħal Lija
Sur Guido Dalli – Sindku San Ġiljan
Is-Sur Andrè Grech – Viċi Sindku Ħal Balzan
Is-Sur Dominic Cassar – Kunsillier San Ġwann
Is-Sinjura Rita Borg – Viċi Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku L-Iklin
Is-Sur Stephen Sultana – Sindku Santa Venera
Is-Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai – Sindku Imsida

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Anthony Chricop – Sindku Tas-Sliema
Is-Sur Keith Tanti – Sindku Pietà
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il- President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 8.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

8.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ippreżenta u qari l-ittri ta'napoloġija tas-Sur Kieth Tanti, tas-Sur Anthony Chircop u tas-Sur Maximillan Zammit u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l- ittri ta' apoloġija.

## 8.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

8.2.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 7 li saret nhar l-Erbgħa 21 ta' Marzu 2018 kienu meħuda bħala moqrija.

8.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi President u Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, mis-Sinjura Magda Magri Naudi.

## 8.3 Komunikazzjoni mill-President

8.3.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, ma kellu l-ebda komunikazzjoni.

## 8.4 Tweġibiet mill-Mistoqsijijiet tal-Membri

8.4.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, staqsa lill-membri jekk kienx hemm mistoqsijiet li xtaqu jressqu waqt din il-laqgħa.

8.4.2 Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mressqa mill-membri.

8.4.3 Il-President ippropona li nimxu għal *item* numru 8.6 fuq l-aġenda u r-rapport mill-Accountant jiġi diskuss lejn l-aħħar tal-laqgħa.

8.4.5 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

## 8.6 Sejħa għal Servizz ta' Espert Estern għal Taħriġ, Sapport, Identifikazzjoni ta' Opportunitajiet fil-Fondi ta' l-UE għal Proġetti tal-Kunsilli Lokali

8.6.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li nhar il-Ħamis 19 ta' April 2018 din is-sejħa ġiet iffinalizzata u l-kuntrattur aċċetta l-approvazzjoni ta' dan ir-Reġjun.

8.6.2 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid hekk kif kien miftihem fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun, aktar kmieni dakinhar saret laqgħa ta' introduzzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-kumpanija EMCS Ltd. flimkien miegħu u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun.

8.6.3 Waqt din il-laqgħa ta' introduzzjoni ġie iffirmat l-kuntratt kif ukoll ġie deċiż li bħala punt ta tluq ir-rappreżentanti mill-EMCS Ltd. ser jibdew laqgħat ta' introduzzjoni ma' kull Kunsill Lokali. Għal dawn il-laqgħat jistgħu jattendu l-Kunsillera, s-Segretarji Eżekuttivi kif ukoll rappreżentanti minn għaqdiet tal-lokalità rispettiva.

8.6.4 Kien hemm qbil dwar dan mill-membri preżenti.

## 8.7 Sejħa għal Servizz ta' 'Pre-Press, Printing, Binding, Slipcase, Packing and delivery of an Illustrated Book'

8.7.1 Il-President spjega kif din is-sejħa ġiet ippublikata nhar il-Ġimgħa 6 ta' April 2018 u għalqet nhar it-Tnejn 23 ta' April 2018. Għal din ir-raġuni, il-bord ta' l-evalwaturi magħmul minn Dott. Richard Sladden, is-Sur Daniel Galea, is-Sur Ray Pellicano flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun evalwaw l-offerti.

8.7.2 Is-Sur Fenech Adami ressaq fuq il-mejda r-rapport ta' l-evalwazzjoni fejn l-irħas offerta ppreżentata għandha tingħata din is-sejħa.

8.7.3 Wara diskussjoni qasira fuq ir-rapport li kien ġie ppreżentat, il-membri preżenti unanimament approvaw dan ir-rapport.

8.7.4 *17:35pm – il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur André Grech, wasal għal din il-laqgħa.*

## 8.8 Sejħa għal Servizz ta' *Mechanical Engineer*

8.8.1 Il-President informa lill-membri kif din is-sejħa ġiet ippubblikata nhar il-Ġimgħa 6 ta' April 2018 u għalqet nhar it-23 ta' April 2018. Għal din ir-raġuni l-bord ta' evalwaturi magħmul minn Dott Richard Sladden, is-Sur Daniel Galea is-Sur Ray Pellicano flimkien mal-President u s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun iltaqgħu nhar it-Tlieta 24 ta' April 2018.

8.8.2 Il-President spjega li għalkemm li l-kuntrattur li rebaħ din is-sejħa kellu kollox kif suppost, il-bord iddeċieda li jitlob dokumenti permezz ta' ittri ta' kjarifika qabel ma jkun hemm deċizjoni finali mingħand żewġ kuntratturi. Għalkemm minħabba din ir-raġuni s-sejħa għadha mhux konkluża, din is-sejħa għandha tkun ffinalizzata sal-laqgħa tar-Reġjun li jmiss.

8.8.3 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

## 8.9 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- *Aġġornament fuq il-ġbir ta' multi pendenti*

8.9.1 Il-President informa lill-membri kif wara l-aħħar laqgħa l-avukat, Dott. Richard Sladden, bagħat ittri legali tal-Gżira, Ta' Xbiex u Santa Venera. Mill-lokalita tal-Gżira ngabru 81-il ċitazzjoni li jammontaw għal €4,303.15 u wara li tnaqsu l-ispejjez ta' l-avukat, il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €850.77. Mill-lokalita ta' Ta' Xbiex tħalsu 23-il ċitazzjoni u wara li tnaqsu l-ispejjez ta' l-avukat li jammontaw għal €999.68, il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €348.42. Mill-lokalita' ta' Santa Venera tħalsu 77-il ċitazzjoni li jammontaw għal €4,452.21

u wara li tnaqsu l-ispejjez ta' l-avukat li jammontaw għal €2,252.06, il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €1,926.15. Dawn l-ammonti huma nklużi fl-iskeda ta' pagamenti ta' din il-laqgħa.

- *Kuntratt mal-Keyin Services*

8.9.2 Il-President informa lill-membri kif il-kuntratt li għandu dan ir-Reġjun fil-preżent ser jiskadi fl-aħħar ta' Mejju 2018 u għal din ir-raġuni qed nerġgħu nressqu l-kuntratt tiegħu għas-sena li jamonta għal €1,274.40.

8.9.3 Il-Viċi Sindku ta' Ħal Balzan, is-Sur André Grech, informa lill-membri li ser jastjena minn din id-deċiżjoni minħabba li d-Direttur tal-kumpanija jiġi l-kuġin tiegħu.

8.9.4 Il-kumplament tal-membri preżenti unanimament approvaw li dan il-kuntratt għandu jiġġedded b'sena.

- *Pagamenti ma' l-Aġenzija LESA*

8.9.5 Wara l-aħħar laqgħa tar-Reġjun, ġejna nfurmati bil-fomm mill-Accountant tal-LESA li l-pagamenti relatati ma' dan ir-Reġjun ser ikunu mwaqfa sakemm jiġi mħallas l-ammont ta' €3,225.95 li jkopri il-ħlas ta' 10% Commission bejn April 2016 sa Frar 2018. Għalkemm tlabna laqgħa urġenti sabiex niddiskutu din il-problema, ma kien hemm l-ebda risposta mingħand il-LESA dwar dan.

8.9.6 Il-President żied jgħid li ftit qabel ma bdiet il-laqgħa tar-Reġjun, l-On. Silvio Parnis kif għadu kif irrisponda għal komunikazzjoni għaddeja sabiex issir laqgħa. Għal din ir-raġuni s-Sur Fenech Adami ppropona li naraw x'ser jirriżulta mill-laqgħa qabel ma tittieħed azzjoni.

8.9.7 Il-Viċi President u SIndku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina ppropona li l-membri preżenti għandhom jipproponu pjan ieħor jekk din il-problema tibqa ma tiġix solvuta.

8.9.10 Wara diskussjoni bejn il-membri preżenti ġie deċiż li r-Reġjun għandu jistenna biex jara x'ser jiġi dikuss fil-laqgħa umbad ir-Reġjun ikun jista' jipproċedi.

- *Laqgħa Annwali Ġeneral 2018*

8.9.11 Il-President fakkar lill-membri dwar din il-laqgħa ser tinżamm nhar is-Sibt 5 ta' Mejju 2018.

- *Kwotazzjonijiet għas-servizz tal-Ġardinar*

8.9.12 Is-Sur Fenech Adami spjega li peress li l-awdituri ġibdulna l-attenzjoni dwar dan is-servizz minħabba li l-ammont globali fis-sena kien qabeż il-limitu, inġiebu tliet kwotazzjonijiet u ġew immressqa għall-approvazzjoni.

8.9.13 Il-membri preżenti ablu li dan is-servizz għandu jibqa' jingħata minn Martin Gardening peress li huwa kellu l-irħas kwotazzjoni.

- *Tindif ta' l-Uffiċċju Amministrattiv*

8.9.14 Is-Sur Fenech Adami spjega li peress li l-awdituri ġibdulna l-attenzjoni dwar dan is-servizz minħabba li l-ammont globali fis-sena kien qabeż il-limitu, inġiebu tliet kwotazzjonijiet u

ġew immressqa għall-approvazzjoni.

8.9.15 Il-membri preżenti ablu li dan is-servizz għandu jibqa' jingħata mis-Sinjura Catherine Azzopardi peress li hija kellha l-irħas kwotazzjoni.

- *Tindif ta' l-Uffiċċju tat-Tribunal*

8.9.16 Is-Sur Fenech Adami spjega li peress li l-awdituri ġibdulna l-attenzjoni dwar dan is-servizz minħabba li l-ammont globali fis-sena kien qabeż il-limitu, inġiebu tliet kwotazzjonijiet u ġew immressqa għall-approvazzjoni.

8.9.17 Il-membri preżenti ablu li dan is-servizz għandu jibqa' jingħata mis-Sinjura Suzan Spiteri peress li huwa kellu l-irħas kwotazzjoni.

- *Vista' ta' l-Għajnejn għal haddiema klerikali fl-ufficcju tar-Reġjun*

8.9.20 Il-President spjega kif waqt il-laqgħat tar-risk assessment is-Segretarji Eżekuttivi ġew nfurmati li skond il-linji Gwida dwar is-Saħħa u Sigurtá fuq il-Post tax-Xogħol, "Dawk il-ħaddiema li jagħmlu użu regolari tal-apparat ta' wiri fuq skrin huma intitolati għal testijiet xierqa tal-għajnejn u tal-vista" u "huma ntitolati għal tagħmir korrettiv speċjali (nuċċalijiet) li jridu jkunu provduti minn min iħaddem". Għal din ir-raġuni tressqu tliet kwotazzjonijiet.

8.9.21 Il-membri preżenti qablu li dan is-servizz għandu jingħata minn O'Hea Opticians peress li preżenta l-irħas kwotazzjoni.

8.9.22 *17:49pm – is-Sur Andre Grech skuża ruħu mill-laqgħa u s-Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Stephen Sultana wasal għal din il-laqgħa.*

- *E-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard*

8.9.23 Il-President informa lill-membri bit-talba mressqa mingħand dan il-Kunsill sabiex juża l-ammont ta' €2,633.56 mill-fondi tas-*surplus* ta' LES biex titħallas id-differenza sabiex saret it-Triq bit-tarmak mill-inizjattiva finanzjara fi Triq il-Pjazzetta, Ħ'Attard.

8.9.24 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *E-mail mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

8.9.25 Il-President informa lill-membri bit-talba mressqa mingħand dan il-Kunsill biex is-somma ta' €13,964.72 mill-fondi allokati lill-Kunsill Lokali L-Iklin mir-Regjun Centru jitħalsu l-ispejjes għat-tibdil tal-*water mains* u servizzi mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma u tibdil tal-bankini fi Triq Anton Buttigieg (bejn Triq Censu Busuttil u Pjazza Ninu Cremona).

8.9.26 Il-membri preżenti unanimament qablu dwar dan.

- *E-mails mingħand l-AKL dwar il-bordijiet ta' aġġudikazzjoni fuq il-kuntratti*

8.9.27 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-komunikazzjoni mibgħuta mill-AKL u spjega kif dan huwa kontradittorju mad-Direttivi maħruġa mid-Dipartiment għal Gvern

Lokali. Peress li aħna rridu nimxi mal-liġi, dan ir-Reġjun għandu jkompli juża din is-sistema hekk kif inhi stabilita bil-liġi sakemm tingħata direttiva oħra mid-Dipartiment.

8.9.27 *17:52 – is-Sindku ta' l-Imsida, is-Sinjorina Margaret Baldacchino Cefai skużat ruħha mill-laqgħa.*

## 8.5 Rapporti – *Audited Financial Statements*

8.5.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, sejjaħ lill-Accountant, is-Sur Daniel Galea, sabiex jkun jista' jipprezenta l-*Audited Financial Statements*.

8.5.2 Is-Sur Daniel Galea spjega kif fi Frar 2018 kienu ġew l-awdituri minn Mazars u ċ-ċifri li kienu ġew ippreżentati ġew konfermati minn naħa tagħhom u l-aġġstamenti li ġew imressqa kienu minimi.

8.5.3 Wara diskussjoni qasira dwar dan ir-rapport, l-Audited Financial Statements ġew approvati unanimament fuq approvazzjoni mil-Viċi President u Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sinjura Magda Magri Naudi

## 8.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

8.10.1 Il-Kunsillier ta' San Ġwann, is-Sur Dominic Cassar, sekondat mis-Sindku ta' San Ġiljan, Is-Sur Guido Dalli, ressaq mozzjoni biex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Nru. 7A u 7B.

8.10.2 Il-Mozzjoni għaddiet *nem.com*.

## 8.11 **Mozzjonijiet**

8.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, infurmat li ma kien hemm l-ebda mozzjoni mressqa mill-membri.

## 8.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

8.12.1 Il-laqgħa intemmet fis-6:00pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 23 ta' Mejju 2018 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 23 ta' Mejju, 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Michael Fenech Adami | Jeanette Galea |
| President | Segretarju Eżekuttiv |